MELLIEĦA

MINUTI

**KUNSILL LOKALI TAL-MELLIEĦA**

**IT-TMIEN KUNSILL**

SEDUTA NRU. 22

19 ta' Jannar 2021

Minuti tas-seduta Nru. 22 tal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa li saret fl-uffiċċju amministrativ tal-Kunsill f'Nru. 126, Triq il-Mitħna l-Ġdida, Mellieħa, nhar it-Tlieta 19 ta' Jannar 2021 fis-6.00 pm.

## Attendenza u qari ta' ittri ta' apoloġiji

Il-Kunsillieri kollha kienu qed isegwu b'mod virtwali.

Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono rreġistra l-minuti, filwaqt li s-seduta ġiet irrekordjata. L-istess *recording* jista' jitniżżel mis-sit elettroniku: https://corterm.com/vod/members/mellieha/

## Talba

It-talba ntqalet mis-Sindku D. Vella.

## 1.1. Minuti

1.2. Il-minuti tas-Seduta Nru. 21, li saret fit-22 ta' Diċembru 2020 ġew approvati mingħajr emendi. Kien hemm qbil li dawn għandhom jiġu ppubblikati fis-sit elettroniku https://localgovernment.gov.mt/en/lc/Mellieha/MinutesList

## 2.0. Materji Mqajma mill-Minuti

### 2.1.1. Installar ta' sistemi CCTV fi Triq Ġorġ Borg Olivier, Triq l-Iżbark tal-Franċiżi, u fil-Park tal-Familja (T/5/1/Vol II)(T/3/3/Vol IV)(K/6/10/VolIII)(P/4/6/Vol VI)

2.1.2. Il-Kunsillier E. Bartolo rrefera għall-minuta 5.15.1. tas-seduta ta' qabel u aċċenna għall-fatt li waqt iż-żjara fuq fi Triq Ġorġ Borg Olivier fit-22 ta' Diċembru 2020 dwar is-suġġett imsemmi, kienet saret proposta minn naħa tiegħu sabiex l-ispazzju għall-parkeġġ bi dritt Triq il-Qalb Imqaddsa jinbidel għall-ħatt u tagħbija ta' merkanzja minħabba d-domanda li teżisti għal din il-faċilità minn negozji tal-qrib.

2.1.3. Il-Kunsill innota u approva l-proposta skont il-minuta preċedenti.

### 2.2.1. Latrina pubblika taħt Ġnien il-Pellegrini (P/4/7/Vol II)

2.2.2. Il-Kunsillier A. Brincat Stellini rreferiet għall-*PowerPoint presentation* li l-Kunsillier I. Castillo għadda lill-membri kollha tal-Kunsill. Din tinvolvi latrina tat-tip *prefabricated* li tista' tiġi nstallata fuq il-bankina bejn Triq l-Għoljiet u Triq il-Kbira. Hija qalet li d-disinn tagħha huwa wieħed aċċettabbli, iżda l-prezz tagħha huwa eżorbitanti billi jammonta għal €194,000. Ipproponiet li ssir talba għal għajnuna finanzjarja mill-Awtorità Maltija tat-Turiżmu.

2.2.3. Il-Kunsillier I. Castillo qal li teżisti l-possibiltà li dawn jiġu akkwistati *second hand* bi prezz ferm inqas.

2.2.4. Il-Kunsillier E. Bartolo rrimarka li din m'għandhiex tkun tispikka estetikament, għaliex tista' tkun *one-gender* u allura ma tieħux daqshekk spazju.

2.2.5. Il-Viċi Sindku J. Buttigieg qal li jista' jagħti l-każ li r-residenti joġġezzjonaw għaliha, apparti li tispikka fuq il-bankina bejn Triq l-Għoljiet u Triq il-Kbira.

2.2.6. Is-Segretarju Eżekuttiv indika alternattiva oħra li tinvolvi s-sit ta' Ġnien tas-Salib fejn hemm l-għola parti tal-ħajt li jħares fuq Triq il-Kbira. Dan il-post ma jtellef xejn mill-ispazzjoni tal-ġnien, filwaqt li estetikament ma tkun xejn intrussiva, kif ukoll issir bi spiża ferm inqas minn dik imsemmija fil-minuta 2.2.2.

## 3.0. Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

### 3.1.1. Tisbiħ ta' taraġ pubbliku parti minn Triq il-Madonna tal-Għar (F/1/7/Vol V)

3.1.2. Il-Kunsillier I. Castillo rrefera għad-diskussjoni li kien hemm fis-Seduta Nru. 19 tat-13 ta' Ottubru 2020 dwar it-tisbiħ tat-taraġ imsemmi, li saret talba għall-finanzjament tiegħu taħt l-iskema dwar il-Krejazzjoni ta' Spazji Miftuħa fiċ-Ċentru tal-Lokalitajiet. Huwa staqsa dwar jekk kienx hemm progress fuq dan il-proġett, billi t-taraġ huwa mudlam.

3.1.3. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono għarraf li sar *survey* tat-taraġ u tħejjew il-pjanti, li kienu diskussi f'laqgħa virtwali li saret għall-Kunsill kollu fl-24 ta' Novembru 2020. Fl-istess laqgħa kien ġie spjegat li d-disinn jinkludi *downlights* fil-ġnub tal-qsari proposti matul it-taraġ kollu, bejn Misraħ il-Parroċċa sa Misraħ iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II. Kien ġie propost li jsiru dwal ornamentali pariġġ dawk tal-pjazza ta' fuq, fil-pjan li hemm fejn hemm id-daħla għad-dar tal-Arċipriet. L-applikazzjoni għall-finanzjament ġiet sottomessa, filwaqt li l-perit kellu jressaq applikazzjoni mal-Awtorità tal-Ippjanar.

3.1.4. Il-Kunsill innota l-azzjoni li ttieħdet.

### 3.2.1. Sewqan perikoluż fi Triq il-Qortin (T/3/2/Vol XV)(T/3/6)

3.2.2. Il-Kunsillier I. Castillo rrefera għad-diskussjoni li kien hemm dwar dan is-suġġett f'seduti preċedenti u staqsa dwar jekk kienx hemm żviluppi dwaru.

3.2.3. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono wieġeb illi r-rimedji li kienu ġew diskussi mill-Kunsill ġew inklużi fid-diskussjonijiet li kien hemm mal-Perit Antoine Zammit, li qed jikkordina l-Iskema *Slow Streets* mniedija mil-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali u Transport Malta.

3.2.4. Is-Sindku D. Vella qal li għandha ssir laqgħa mal-Kunsill kollu u l-Perit Zammit fil-ġejjieni qarib, wara li jħejji l-abbozz ta' pjan ħollistiku għal-lokalità. Huwa aċċenna wkoll li l-iskema tinvolvi finanzjament massimu ta' €30,000.

### 3.3.1. Dwal ġodda fit-toroq (E/1/3/Vol VI)

3.3.2. Il-Kunsillier E. Bartolo staqsa dwar jekk ġiex reġistrat progress rigward l-iskemi ta' dwal ġodda fi Sqaq Nru, 1 fi Triq il-Muna, Triq il-Barkazza, Triq iż-Żebbuġ, Daħlet id-Dalji, Daħlet is-Sardinell, Triq il-Bilbla, Triq il-Bufula, Triq il-Gardell, il-parti ta' barra ta' Triq il-Birwina, u Triq il-Ġojjin.

3.3.3. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono wieġeb li l-applikazzjoni dwar il-kofinanzjament tal-proġett permezz tad-*Development Planning Fund* kienet ġiet approvata u mistenni li l-ftehim relattiv jiġi ffirmat mal-Awtorità tal-Ippjanar fil-ġejjieni qarib.

### 3.4.1. *Speed humps* fi Triq Għajn Żejtuna (T/3/2/Vol XII)

3.4.2. Il-Kunsillier E. Bartolo rrefera għall-punt li huwa kien qajjem fis-Seduta Nru. 18 tas-17 ta' Settembru 2020, meta kien ġie deċiż li għandha ssir rappreżentazzjoni ma' Transport Malta dwar it-tneħħija ta' *speed hump* li saret fil-parti ta' fuq tat-triq imsemmija, liema miżura ttieħdet mingħajr konsultazzjoni mal-Kunsill. Huwa staqsa dwar jekk kienx hemm xi tweġiba.

3.4.3. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono wieġeb fin-negattiv.

### 3.5.1. Graffiti fil-Park tal-Familja (P/4/6/Vol VI)

3.5.2. Il-Kunsillier G. Micallef ġibed l-attenzjoni li saru diveri graffiti bl-isprej fuq tabelli u għamara oħra li tinstab fil-Park tal-Familja u fit-toroq tal-madwar. Huwa staqsa dwar jekk hemmx ħsieb li dawn jitneħħew.

3.5.3. Is-Sindku D. Vella qal li dawn jitneħħew bla diffikultà, iżda l-ikbar sfida tibqa' biex isir magħruf minn qed jagħmilhom.

### 3.6.1. *Dog bins* fid-dħulijiet għall-Park tal-Majjistral (A/4/10)

3.6.2. Il-Kunsillier G. Micallef għarraf li huwa ġie avviċinat minn persuna li tagħmel xogħol volontarju fil-Park tal-Majjistral, sabiex isiru *dog bins* fil-ħames entraturi tal-Park.

3.6.3. Fuq proposta tal-Viċi Sindku J. Buttigieg, is-Sur Micallef intalab jindika l-postijiet sabiex issir talba lid-direzzjoni tal-Park tal-Majjistral bil-għan li dawn jitwaħħlu. Huwa ser iqajjem din it-talba, bħala rappreżentant tal-Kunsill fuq il-Bord tal-Park,.

### 3.7.1. Stat tal-bankina fi Triq Adenau (D/3/1/Vol V)

3.7.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini rreferiet għad-deċiżjoni li kienet ittieħdet dwar il-bdil tal-wiċċ tal-bankina fuq il-pont ta' Triq Adenau sabiex isir minn *paving blocks* griżi mżewqa b'oħrajn ħomor b'kurduna tal-konkos. Hija fakkret ukoll li t-tul tad-*dropped kerbs* fil-kantunieri ma' Triq Dun Franġisk Sciberras ikunu ta' daqs normali sabiex il-vetturi ma jersqux wisq lejn il-bini.

3.7.3. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li inizjalment kienet saret talba lid-Dipartiment tax-Xogħlijiet u l-Infrastruttura, li ma kinux f'pożizzjoni li jagħmlu x-xogħol huma. Sussegwentement saret proposta lill-operatur tal-lukanda Maritim Hotel & Spa.

3.7.4. Fid-dawl tat-tagħrif mogħti l-Kunsill kien tal-fehma li għandha tiġi misħarrġa l-possibiltà li x-xogħol isir bi spejjeż tal-Kunsill minn xi entità governattiva.

## 4.0. Tqegħid ta' Karti

- *Purchase Request Form* – 15/01/21;
- Skeda ta' Infieq li sar bil-*Petty Cash* – 18/12/20 – 21/12/20;
- Skeda ta' Pagamenti – 18/12/20 – 15/01/21;

- Skeda ta' Korrispondenza li waslet;
- Skeda ta' Korrispondenza li ntbagħtet;
- Abbozz tal-Estimi Finanzjarji fuq bażi ta' accruals – 2021;

## 5.0. Korrispondenza u komunikazzjoni mis-Sindku u l-Kunsillieri

### 5.1.1. Tabella ta' direzzjoni f'Misraħ tas-Salib (T/4/3/Vol II)

5.1.2. Saret referenza għal talba datata 8 ta' Jannar 2021 imressqa mill-operaturi ta' Reflections Sports Pub & Grill u Drifter Car Hire, sabiex jissanzjonaw tabella ta' direzzjoni li tindika l-istess stabbilimenti, u li tinsab fi Triq il-Kbira. L-istess operaturi wrew l-intenzjoni li ser japplikaw għall-permess mal-Awtorità tal-Ippjanar.

5.1.3. Il-Kunsill iddiskuta l-ħtieġa li jsiru tabelli komuni f'postijiet ċentrali li jindikaw id-direzzjoni għal negożji li jkunu lill'hinn mill-istess centri. Dan bil-għan li jiffaċilitaw it-triq għal min ma jkunx familjari mal-post, filwaqt li jiġi evitat illi jkun hemm geġwiġija ta' tabelli. Ġie nnutat ukoll li diġa jeżistu tabelli ta' direzzjoni ta' dan it-tip fil-lokalità, li ġew approvati mill-Awtorità tal-Ippjanar.

5.1.4. Fid-dawl tad-diskussjoni skont il-minuta preċedenti, il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni li t-tabelli jkunu biss ta' direzzjoni, u mhux reklami, filwaqt li dawn ikunu soġġetti għall-*Bye-Laws* K.L.B.L. 37/9/99 dwar Reklamari fuq Għamara tat-Toroq (Kunsill Lokali Mellieħa).

### 5.2.1. Użu ta' kamra parti mill-kumpless ta' rżieżet f'Selmun (P/10/3A)

5.2.2. Saret referenza għal imejl datat 11 ta' Jannar 2021 fejn Ambjent Malta talbu li jużaw kamra bil-faċilitajiet sanitarji għall-użu mill-Ispetturi Ambjentali li joperaw fiż-żona tal-Mellieħa.

5.2.3. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini qalet li l-istess spetturi, apparti li jinnutaw x'qed jiġri mil-lat ambjentali, qed ineħħu pjanti nvażivi li josservaw. Hija staqsiet ukoll dwar jekk il-post għandux jinfetaħ mill-membri tal-Fondazzjoni ARKEO.

5.2.4. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono wieġeb li għal xi żmien l-irziezet ma kienux qed jinfetħu. Huwa qal ukoll li ċ-ċwievet kienu ntalbu sabiex issir xi manutenzjoni, u ma ntalbux lura mill-Fondazzjoni.

5.2.5. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar qalet li Ambjent Malta għandha l-intenzjoni li tipprovdi roti għall-ispetturi tagħha sabiex ikunu jistgħu jintużaw waqt l-ispezzjonijiet li jagħmlu. Minħabba r-raġunijiet imsemmija fil-minuta 5.2.3., dawn ser ikunu qed jagħmlu użu minn għodod tal-idejn u allura jeħtieġu post fejn jerfgħuhom. Qalet ukoll li għaddejjin kuntatti wkoll sabiex l-ispetturi jaħdmu anke fi tmiem-il ġimgħa.

5.2.6. Il-Kunsillier E. Bartolo kkummenta li huwa jaqbel li t-talba tintlaqgħa, meta jitqies li dawn l-ispetturi qed jagħtu servizz fil-lokalità.

5.2.7. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni sakemm l-kamra tkun użata strettament għall-funzjonijiet stabbiliti ta' l-Ispetturi Ambjentali, ossija l-edukazzjoni tal-pubbliku u l-infurzar tal-liġijiet ambjentali. Kien hemm qbil ukoll li l-użu tal-bini allokat ikun b'titolu ta' *commodatum*, bil-għan li l-fond ikun jista' jiġi rkuprat lura bla diffikultà, jekk tinqala l-ħtieġa. Kien hemm qbil ukoll li għandha ssir laqgħa fuq il-post mal-uffiċjali konċernati fi ħdan Ambjent Malta.

### 5.3.1. Tibdil fir-rotot tal-karozzi tal-linja (T/5/1/Vol II)

5.3.2. Il-Viċi Sindku J. Buttigieg għarraf li fit-13 ta' Jannar 2021 saret laqgħa virtwali maċ-Chairman Eżekuttiv tal-Awtorità tal-Ippjanar dwar il-possibiltà li tittieħed biċċa art pubblika sabiex titwessa' Triq Selmun bil-għan li jkunu jistgħu jdawwru l-karozzi tal-linja. Mill-istess laqgħa deher li l-Awtorità tista' tilqgħa talba ta' din ix-xorta abbażi tal-fatt li l-medda art meħtieġa mhux kbira ħafna, filwaqt li hija marbuta ma' titjib f'servizz li jrid jingħata lill-

pubbliku. Għan-naħa tal-Kunsill ipparteċipaw wkoll fil-laqgħa, is-Sindku D. Vella, il-Kunsillier E. Bartolo, u s-Segretarju Eżekuttiv C. Debono.

5.3.3. Il-Kunsill ġie mgħarraf illi l-laqgħa li jmiss ser issir fit-22 ta' Jannar 2021, ma' uffiċjali minn Infrastructure Malta u Transport Malta.

## 5.4.1. PA 7607/20 – Faċilitajiet għaż-żamma tal-qtates (A/9)

5.4.2. Is-Segretarju Eżekuttiv irrefera għal ittra datata 8 ta' Jannar 2021, fejn l-Awtorità tal-Ippjanar talbet kjarifiki u dettalji dwar in-natura tal-proġett:

- aktar dettalji dwar in-natura tal-proposta sabiex il-Kumitat Konsultattiv dwar l-Agrikoltura jkun jista' jevalwa t-talba;

- il-materjali wżati jridu jkunu viżwalment konformi mal-*policy* 5.1B tar-*Rural Policy and Design Guidelines*:

- disinn alternattiv għall-*chain link fence*, li huwa aktar kompatibbli mal-karatteristiċi rurali tal-Park tal-Familja aktar minn dak propost; u

- intalab aktar tagħrif mil-Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Diżabilità (NCPD) skont ir-Rapport tal-Verifika tal-Aċċessibilità.

5.4.2. Is-Segretarju Eżekuttiv għarraf ukoll li l-perit inkarigat ġibed l-attenzjoni li l-akbar ostakolu jista' ikun il-fatt li s-sit jinsab f'distanza ta' anqas minn 200 metru 'l bogħod minn żona ta' żvilupp. Fid-dawl ta' dan, il-perit huwa tal-fehma li l-Kunsill jikkonsidra mill-ġdid l-intenzjonijiet tiegħu dwar dan il-proġett.

5.4.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li l-*policy* imsemmija normalment tintuża fir-rigward ta' irżieżet, fejn jinżammu annimali għall-qatla, u għalhekk ferm il-bogħod mit-talba in kwistjoni. Kien hemm qbil li l-perit inkarigat għandu jintalab iqajjem dan il-punt mal-Awtorità tal-Ippjanar.

## 5.5.1. Kenn għat-tfal tal-iskola fi Triq il-Biedja (B/6/Vol V)

5.5.2. Il-Kunsill ġie mgħarraf li permezz ta' imejl datat 9 ta' Jannar 2021, il-Kunsillier I. Castillo pproponi li jsir xi forma ta' kenn mill-elementi għat-tfal tal-iskola li jkunu qed jistennew it-trasport fi Triq il-Biedja. Huwa pproponi li din tkun tinda li tistà tiżżarma.

5.5.3. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono ġibed l-attenzjoni li fil-post indikat dalwaqt ser tiġi sottomessa applikazzjoni, bil-proċedura ta' *Development Notification Order*, minn Faces Consultants Ltd sabiex isir *bus shelter*.

5.5.4. Is-Sur I. Castillo qal li l-proċess biex isir *bus shelter* jista' jieħu fit-tul u għaldaqstant għandu jinstab rimedju temporanju.

5.5.3. Il-Kunsill ma approvax din il-proposta minħabba li jeżistu diversi postijiet fil-lokalità li huma esposti, fejn it-tfal jistennew it-trasport għall-iskola, kif ukoll fid-dawl tal-fatt li għaddej proċess sabiex jiġi nstallat *bus shelter*.

## 5.6.1. Bankina fi Triq il-Gardell (D/3/1/Vol V)

5.6.2. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono rrefera għal imejl datat 4 ta' Jannar 2021, mibgħuta mill-Kunsillier I. Castillo. Fl-istess korrispondenza huwa aċċenna li fi Triq il-Gardell hemm problema, minħabba qagħda tal-ilma tax-xita, li jitlaq billi jiskula minn ġo tappiera tal-GO u jispiċċa fil-bini. Għaldaqstant qed ġie propost li ssir bankina bejn Triq ix-Xagħra ta' Barra u Triq il-Birwina.

5.6.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li l-problema ma' tiġix riżolta billi ssir bankina, li minn naħa l-oħra tnaqqas il-wisa' tat-triq, u tirrendi l-ipparkjar tal-vetturi aktar diffiċli, anke fuq naħa waħda

tat-triq. Għaldaqstant, kien hemm qbil li għandu jikiseb parir ta' perit dwar il-possibiltà li jsir *gutter,* jew *culvert* li jaqleb lejn Triq ix-Xagħra ta' Barra.

### 5.7.1. Danni kkawżati fuq vettura fi Triq l-Għar u Casa (D/5/Vol II)

5.7.2. Saret referenza għal talba mressqa minn sid ta' vettura li n-numru tar-reġistrazzjoni tagħha ma ġiex speċifikat. Skont it-talba l-inċident ġara fis-27 ta' Novembru 2020 kawża tal-istat ħażin tat-triq. Dan kien jinvolvi ħsara fit-*tyre* li tammonta għal €135.

5.7.3. Is-Segretarju Eżekuttiv, aċċenna għall-fatt li dik il-parti tat-triq, fejn huwa rrappurtat li ġara l-inċident, ma hijiex asfaltata, kif ukoll ma kinitx akkumpanjata b'rapport tal-Pulizija.

5.7.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li m'għandux jaċċetta r-responsabiltà tad-danni msemmija, peress li t-triq għadha ma ġietx asfaltata.

### 5.8.1. Skema dwar il-Finanzjament għal żvillup u titjib fil-Kundizzjonijiet tal-*Playing Fields* (T/3/2/Vol XV

5.8.2. Saret referenza għall-ċirkulari SPI.SCI.2.2021 tad-19 ta' Jannar 2021, mibgħuta mid-Diviżjoni tal-Gvern Lokali dwar is-suġġett t'hawn fuq. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono fakkar li aktar kmieni l-Kunsill kien iddeċieda li għandu jsir intervent fil-*multi-purpose court* fil-Park tal-Familja, sabiex ma jibqax jidħol ilma fid-*dressing rooms* li hemm taħtu. Huwa fakkar li kienet saret spezzjoni mill-*Contracts Manager* u anke sar *survey* dwar il-livelli tal-*court*. Il-*bill of quantities* dwar l-interventi meħtieġa baqa' ma ġiex mgħoddi lill-Kunsill. Is-Sur C. Debono ssuġġerixxa li għandha ssir applikazzjoniji għall-finanzjament tax-xogħol meħtieġ taħt l-iskema msemmija.

5.8.3. Il-Kunsill qabel li għandu jitħejja *bill of quantities*, permezz ta' perit ieħor sabiex tkun tista' tiġi sottomessa l-applikazzjoni sad-data tal-għeluq fl-24 ta' April 2021.

### 5.9.1. Ħidma tal-Pulizija tal-Komunità matul is-sena 2020 (P/9/4)

5.9.2. Is-seduta ġiet sospiża sabiex sar intervent mill-Kuntistabbli C. Azzopardi Refalo mit-Tim tal-Pulizija tal-Komunità sabiex ta ħarsa lejn il-ħidma li kien hemm matul l-2020. Huwa għarraf li ġew trattati 28 każ ta' vetturi abbandunati li 15 minnhom tneħħew minn sidhom. Kien hemm 1,200 kilometru ta' rondi bir-roti u 3,400 bil-mixi bejn il-membri kollha tat-tim. Ingħataw 858 avviż ta' kontravvenzjoni li 300 minnhom kienu jinvolvu nuqqas ta' lbies ta' maskri u l-kumplament kienu relatati mat-traffiku. Kien hemm 250 kuntatt verbali mal-pubbliku li kien limitat minħabba l-pandemija. Il-Kun. Azzopardi Refalo qal li flimkien mal-Kunsill Lokali ġiet organizzata *clean-up* f'Lulju, filwaqt li f'Diċembru saret il-kampanja *"Don't Risk It"* kontra x-xorb żejjed.

5.9.3. Il-Kunsillier E. Bartolo staqsa dwar jekk ġewx trattati każi ta' inkonvenjenzi f'inħawi residenzjali. Il-Kun. Azzopardi Refalo qal li kien hemm dawn il-każi, partikularment fiż-żona ta' Santa Marija Estate, bid-daqq ta' mużika b'volum għoli.

5.9.4. Il-Kunsillier G. Micallef staqsa jekk humiex qed jiġu trattati każi ta' vandaliżmu. Il-Kun. Azzopardi Refalo qal li dawn abbużi jiġu trattati flimkien mar-Rapid Intervention Unit. Intqal ukoll li saret sessjoni ta' taħriġ fil-Mellieħa bil-lejl, f'dan ir-rigward bħala taħriġ għal-timijiet oħra li qed jitwaqqfu f'lokalitajiet oħra.

5.9.5. Meta tkompliet is-seduta, il-Kunsill wera apprezzament għall-ħidma li kien hemm.

### 5.10.1. Rapport mill-*Contracts Manager* għax-xaħar ta' Novembru u Diċembru 2020 (T/4/15/Vol II)

5.10.2. F'din il-parti tas-seduta kien hemm sospensjoni sabiex jintervjeni l-*Contracts Manager* is-Sur Ryan Mercieca, bil-għan li jagħti ħarsa lejn l-andament ta' xi kuntratti li huwa jissorvelja.

5.10.3. Is-Sur Ryan Mercieca qal li tlesta l-qtugħ tal-ħaxix u tindif fiż-żona ta' Aħrax u attwalment il-kuntrattur qed jiffoka fuq l-inħawi ta' Għajn Tuffieħa, il-Manikata u Triq il-Mellieħa. Fil-frattemp baqa' għaddej ix-xogħol ta' rutina bħalma huwa t-tbattil ta' *bins* f'Selmun, u fil-postijiet tal-ikkampjar ġewwa l-Aħrax.

5.10.4. Il-Kunsill ġie mgħarraf ukoll li qed issir sorveljanza fuq il-kuntrattur responsabbli mill-ġbir tal-iskart domestiku sabiex jiġi żgurat li nhar ta' Tnejn isiru ġabriet tal-boroż il-bojod u s-suwed b'mod separat, fil-ħinijiet ta' filgħodu, kif ukoll li ma jsirx taħlit fil-vetturi wżati.

5.10.5. F'dan il-punt qamet diskussjoni dwar jekk il-kuntrattur responsabbli mill-ġbir tal-iskart huwiex jonora l-frekwenza tat-tbattil. Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li fix-xhur tax-xitwa hemm frekwenza ta' darbtejn fil-ġimgħa fiż-żoni tal-*boathouses*, filwaqt darba fil-ġimgħa fiż-żoni tal-ikkampjar u fil-Miżieb. Huwa qal li l-frekwenza qed jiġu osservati l-frekwenzi, iżda bit-tip ta' skart li qed jinstab fihom jidher biċ-ċar li mhumiex jintużaw biss mill-*campers* u l-*picnicers*.

5.10.6. Dwar il-kuntratt tal-ġonna, is-Sur Mercieca għarraf li nħarġet *default notice* għar-raġuni li x-xogħol waqa' lura u ma kienx qed jitwettaq skont l-iskedi stabbiliti fil-kuntratt. Huwa qal li ser isir spezzjoni flimkien mal-ġardinar fil-postijiet kollha koperti fil-kuntratt.

5.10.7. Is-Seġretarju Eżekuttiv ġibed l-attenzjoni li jeħtieġ isir qtugħ ta' ħaxix u *hedge trimming* fi Ġnien Dun Anton Debono. Il-Kunsillier I. Castillo qal li jeħtieġ illi jsir żbir ta' siġar fi Triq l-Assedju l-Kbir. Il-Viċi Sindku J. Buttigieg ikkummenta li meta jitqies il-volum ta' xogħol kopert bil-kuntratt, jidher biċ-ċar li mhux jingħata ħin biżżejjed mill-kuntrattur.

## 5.11.1. Problemi ta' aċċess fi Triq l-Għar u Casa (T/4/7/Vol III)

5.11.2. Il-Kunsillier I. Castillo ġibed l-attenzjoni dwar l-istat li tinsab fiħ it-triq imsemmija, partikularment meta tagħmel ix-xita, u għaldaqstant talab li tingħata wiċċ temporanju, bil-konkos jew bl-asfalt

5.11.3. Is-Sindku D. Vella qal li riċentement kien twitta materjal *scarified tarmak*, filwaqt li hemm partijiet minnha fejn kien ingħata l-konkos. Is-Segretarju Eżekuttiv ikkummenta li l-post huwa tafli, filwaqt li mhemmx bini li jilqa' l-materjal tat-triq,.

5.11.4. Il-Kunsill kien tal-fehma li għandu jinkiseb il-parir ta' perit sabiex jiġi stabbilit jekk jistax jingħata wiċċ temporanju bit-tarmak jew bil-konkos.

## 5.12.1. Qagħda tal-ilma fi Triq l-Assedju l-Kbir (T/4/12)

5.12.2. Il-Kunsillier I. Castillo ġibed l-attenzjoni li fi Triq l-Kbir, qrib il-kantuniera ma' Triq iċ-Ċikken hemm qagħda tal-ilma li tista' tiġi eliminata billi ssir ġradilja *(catchpit)* u katusa bejnha u *culvert* eżistenti.

5.12.3. Kien hemm qbil li s-Sur Castillo għandu jindika l-post eżatt fejn teżisti l-problema msemmija.

## 5.13.1. Ingombri ta' passiġġi pubbliċi (P/5/2/Vol II)

5.13.2. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono għarraf li fit-18 ta' Jannar 2021 saret laqgħa virtwali ma' uffiċjali mill-Building Construction Agency dwar erba' postijiet fejn inħoloq inġombru għall-perjodu twil. Fl-istess laqgħa kienu preżenti s-Sindku D. Vella, il-Kunsillier E. Bartolo, u s-Segretarju Eżekuttiv. Il-każijiet imqajma kienu jinvolvu l-każi li ġejjin:

| | |
|---|---|
| 1. Taraġ pubbliku bejn Triq l-Għaqda u Triq il-Hena | Ngħalaq it-taraġ pubbliku sakemm tneħħa t-terrapien mis-sit, mhuwiex ġust li dan tħalla għal diversi xhur mingħajr ma sar ebda ntervent sabiex jinbena *retaining wall* fuq naħa waħda tat-taraġ sabiex dan ikun jista' jinfetaħ mill-ġdid u jintuża mill-pubbliku. Għadda żmien biżżejjed minn meta beda x-xogħol fi Frar 2018 sal-lum, tant li t-taraġ |

| | |
|---|---|
| | kellu jiġi restitwit lill-pubbliku. Irriżulta wkoll li l-parti tat-taraġ li baqgħet f'postha, tgħabbiet b'materjal tal-kostruzzjoni, b'tali mod li rrendiħ aktar perikoluż. Ġie deċiż li għandha ssir laqgħa fuq il-post mal-iżvilupputur, il-perit inkarigat minnu, il-BCA u l-Kunsill |
| 2. Triq il-Qasab | F'Awwissu 2018 inbena *hoarding* li ħa parti sostanzjali mill-wisa' tat-triq peress li kien ser isir tħaffir eżatt mal-ħajt li jżomm it-triq. Minkejja li dan, ix-xogħol ilu diveri xhur li tlesta, baqgħet ma tteħditx azzjoni mill-iżviluppatur biex dan jitneħħa. L-uffiċjali tal-BCA spezzjonaw il-post u rriżulta li x-xogħol kien wasal fi stadju avvanzat, tant li l-*hoarding* kien ser jitneħħa fi ftit jiem oħra. |
| 3. 184, Ix-Xatt ta' Santa Marija | F'Awwissu 2018, tqatta' il-blat sa sular taħt il-livell tat-triq. Dan affettwa l-bankina, bir-riżultat li l-iżviluppatur neħħa żewġ lampi tat-triq imwaħħlin fuq l-arbli, bena *hoarding* fil-karreġġjata u saret bankina temporanja li kompliet dejqet it-triq. Minn meta sar dan l-eskavar sa llum ma sarx aktar xogħol fuq is-sit. Dan id-dewmien qed jikkawża nkonvenjenzi għal minn juża t-triq, kif ukoll il-post huma mudlam u nħoloq nuqqas ta' siġurtà għall-proprjetajiet tal-qrib. L-uffiċjali tal-BCA taw parir sabiex tintbagħat ittra bl-avukat sabiex jinbnew żewġ saqajn bil-għan li jkunu jistgħu jitwaħħlu l-arbli bid-dwal tat-toroq li kienu nqalgħu. |
| 4. Triq il-Kbira k/m Triq Għajn Żejtuna | Dawn it-tliet siti li jinsabu biswit xulxin, ix-xogħol fuqhom beda f'Mejju 2018. Ittieħdet biċċa mill-bankina meta kien qed jitħammel it-terrapien ta' taħtha peres minħabba l-periklu li din setet iċċedi bil-piż tal-vetturi. Għalkemm il-bini ilu diversi xhur li tlesta, il-*hoarding* baqa' ma tneħħiex bir-riżultat li ma jistax isir ipparkjar ta' vetturi. Dan kellu jibqa' ipprojbit sabiex il-*pedestrians* ma jkollhomx jimxu fil-karreġġjata ta' triq ewlenija bħalma hija Triq il-Kbira. Sar kuntatt mal-iżviluppatur li minn għarraf illi x-xogħol ta' kostruzzjoni wasal fi stadju avvanzat tant li l-hoarding ikun jista' jitneħħa fi ġimgħat li ġejjin. |

5.13.3. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini ġibdet l-attenzjoni għal sit ta' kostruzzjoni li jinsab fi Triq il-Kbira faċċata ta' Triq l-Etna. Hija qalet li l-*hoarding* tant inħareġ 'il barra li l-*pedestrians* qed ikollhom jinżlu minn fuq il-bankina fi triq ewlenija.

5.13.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti, filwaqt li qabel li għandu jsir kuntatt mas-*site manager* dwar il-punt imqajjem skont il-minuta 5.13.4.

## 5.14.1. Tilqim tal-anzjani kontra l-epidemija Covid-19 (M/8/Vol VI)

5.14.2. Il-Kunsillier G. Micallef ippropona sabiex issir talba lill-awtoritajiet tas-saħħa bil-għan li l-Berġa tintuża għall-injezzjoni tal-vaċċin imsemmi lill-anzjani 'il fuq minn ħamsa u tmenin sena, minflok fiċ-Ċentru tas-Saħħa fil-Mosta.

5.14.3. Is-Sindku D. Vella qal li huwa tkellem mal-Onor. M. Farrugia, il-Ministru tas-Saħħa, li għarrfu li l-vaċċin tad-ditta Pfizer jeħtieġ jinżamm f'temperatura kostanti taħt 70 grad u allura jirrikjedi apparat speċjalizzat sabiex jiġi trasportat.

5.14.4. Il-Kunsillier I. Castillo aċċenna li vaċċini oħra, bħalma huma tad-ditta Moderna, jinżammu f'temperaturi għola u allura jista' ma jkunx hemm problemi biex dawn jingħataw fil-lokalitajiet.

5.14.5. Il-Kunsill qabel li għandu jsir kuntatt mal-ministeri konċernati dwar il-possibiltà li s-servizz jingħata fil-Mellieħa stess sabiex jitnaqqas l-iskariġġ.

**5.15.1. Faċilitajiet ta' ħatt/tagħbija fit-toroq ewlenin (T/3/3/Vol V)**

5.15.2. Il-Kunsillier K. Buttigieg ġibed l-attenzjoni li t-tabelli dwar il-ħatt/tagħbija fi- Triq il-Kbira u Triq Ġorġ Borg Olivier, għandhom ikunu bejn id-9:00am u s-1:00pm biss, għaliex wara nofsinhar mhemmx domanda għal din il-faċilità u għalhekk l-ispazju jkun jista' jintuża mill-vetturi kollha.

5.15.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li r-restrizzjoni hija proprju kif ġie ssuġġerit fil-minuta 5.15.2., iżda ntalab li jekk din mhux ċara biżżejjed għandhom jinbidlu xi tabelli li tfew biż-żmien.

**5.17.1. Żjara mill-*Unit* għall-Għoti tad-Demm (M/9/Vol VI)**

5.17.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini għarrfet li l-*unit* se jżur il-Mellieħa fil-31 ta' Marzu, fis-7 ta' Ġunju, u fid-19 ta' Settembru 2021.

5.17.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**5.18.1. *Charging pillars* fil-lokalità (V/4)**

5.18.2. Il-Kunsilliera M. Abela ġibed l-attenzjoni li ċ-*charging pillars* li hemm fi Triq Salvinu Vella u fiċ-Ċirkewwa mhumiex jiffunżjonaw.

5.18.3. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono qal li huwa ser jara dan l-ilment mal-kumpanija mqabbda mill-Gvern biex tamministrahom.

**6.1. Ħruġ ta' sejħa għall-offerti dwar estensjoni ta' *culverts* għall-ilma tax-xita fi Triq il-Qortin u Triq Għajn Żejtuna (T/4/12/Vol II)**

6.2. Is-Seġretarju Eżekuttiv C. Debono rrefera għal żewġ ittri ġudizzjarji ppreżentati fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-30 ta' Settembru 2019 u fit-23 ta'Settembru 2020 dwar titjib meħtieġ f'*culverts* eżistenti fi Triq Għajn Żejtuna u Triq il-Qortin, rispettivament.

6.3. Is-Sur C. Debono kompla jgħid li tħejja dokument tal-offerta dwar it-titjib meħtieġ li huwa stmat li jiswa €9,774 fil-każ ta' Triq Għajn Żejtuna u €48,137 fir-rigward ta' Triq il-Qortin. Il-fondi meħtieġa hemm provdut għalihom taħt il-Vot 7512 fl-Estimi 2021.

6.4. Il-Kunsill approva l-ħruġ tas-sejħa

**7.1. Twaqqiegħ ta' strutturi dilapidati fil-Fortizza ta' Campbell (P/5/2/Vol II)**

7.2. Is-Segretarju Eżekuttiv għarraf li fis-7 ta' Jannar 2021 saret laqgħa fil-post imsemmi bil-għan li jiġu jdentifikati soluzzjonijiet sabiex jitnaqqsu l-abbużi fil-Fortizza tal-Campbell. Kien hemm qbil li jkun inutli li jiġu mbarrati l-aperturi, u għaldaqstant għandu jiġi kkunsidrat li jitwaqqgħu ċerti binjiet, meqjusa ta' bla ebda valur storiku. Biex tiġi evalwata din il-proposta, intalbet laqgħa ma' uffiċjali mis-Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali u l-Awtorità tal-Ippjanar. Għal laqgħa tas-7 ta' Jannar attendew is-Sur J. Mamo mill-Awtorità ta' l-Artijiet, il-Viċi Sindku J. Buttigieg, il-Kunsilliera A. Brincat Stellini u s-Segretarju Eżekuttiv C. Debono.

7.3. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini qalet li l-istrutturi li għad fadal mill-istazzjoni tar-radar fl-inħawi Tad-Dahar għandhom ukoll jiġu kkundrati bl-istess mod.

7.4. Il-Kunsill approva li kuntatti ndikati fil-minuti preċedenti.

**8.1. Bini mill-ġdid tal-latrini pubblika fl-Għadira (P/5/8/G)( L/3/Vol III)**

8.2. Is-Sindku D. Vella għarraf illi minħabba t-tibdil li sar fit-triq li twassal għall-Mellieħa Bay Hotel, il-latrina pubblika kellha tiġi spusstjata għall-istess parkeġġ skont pjanta li ġiet

ppreżentata waqt is-seduta. Il-post il-ġdid jipprovdi wkoll faċilitajiet ta' parkeġġ għall-persuni b'diżabilità li jeħtieġu jużaw il-latrina, kif ukoll kamra li tkun tista' tintuża mill-uffiċjal jew għat-tagħmir tas-siġurtà b'rabta mal-parkeġġ. Bejn it-triq u l-latrina ġiet introdotta *soft area* sabiex din ma tkunx tispikka daqstant mit-triq.

8.3. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono ġibed l-attenzjoni li fil-post il-ġdid jista' ikun meħtieġ li ssir fossa bil-pompa peress li l-*main* tad-drenaġġ jinsab f'livell għola.

8.4. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni għas-sit indikat, sakemm dan ma jkun jitlob li ssir fossa bil-pompa għad-drenaġġ, peress li f'każ ta' qtugħ fil-provista tal-elettriku, din tfur fil-parkeġġ, bid-drenaġġ jispiċċa f'ramla li hija kklassifikata fl-istatus ta' Bandiera Blu. Dan apparti konsiderazzjonijiet oħra marbuta ma' spejjeż sabiex it-tagħmir jinżamm fi stat tajjeb ta' munutenzjoni.

8.5. Dwar l-immaniġġjar tal-parkeġġ, il-Kunsill qabel li għandha tintalab laqgħa mal-Ministru għall-Ekonomija u l-Industrija l-Onor. S. Schembri.

## 9.1. Mozzjoni mressqa mis-Sindku D. Vella, illi tgħid:-

***"Billi skont il-provedimenti tal-Artiklu 56 tal-Att dwar Kunsilli Lokali (Kap. 363) u skont it-Taqsima V tar-Regolamenti dwar Kunsilli Lokali Finanzi, għandhom jiġu ppreżentati l-Estimi tal-Kunsill sa l-aħħar ta' Diċembru ta' kull sena, għas-sena finanzjarja ta' wara; u***

***U billi wara li saret diskussjoni dwar l-istess estimi fis-seduti Nri. 20 u 21 tat-13 ta' Novembru 2020, u l-22 ta' Diċembru 2020, rispettivament, kif ukoll saret laqgħa tal-lokalità għar-residenti fil-15 ta' Diċembru 2020, skont ma jitlob l-imsemmi Att;***

***Il-Kunsill jirriżolvi li japprova l-Estimi għas-sena finanzjarja 2021, skont l-abbozz finali mressaq.".*** **(F/1/32)**

9.2. Il-mozzjoni għaddiet b'mod unanimu wara li ġiet issekondata mill-Kunsillier E. Bartolo.

## 10.1. Mozzjoni mressqa mis-Sindku D. Vella illi tgħid:

***"Billi r-Regolamenti dwar Kunsilli Lokali (Riżorsi Umani) (L.S. 363.20) skont Regolament 19(1), jipprovdu għall-ħlas ta' performance bonus lill-impjegati tal-Kunsill; u***

***Billi fl-estimi għas-sena finanzjarja 2020 ġiet ivvutata somma għal dan il-għan, filwaqt li jidher illi ngħata servizz mill-uffiċjali mpjegati mal-Kunsill matul is-sena 2020, kif deskritt fil-Performance Appraisal Report li ġie mhejji skont l-iskeda, mehmuża mal-imsemmija regolamenti;***

***Il-Kunsill jirriżolvi illi għas-Sena Finanzjarja 2020, is-Segretarju Eżekuttiv flimkien mal-impjegati l-oħra eliġibbli, għandhom jitħallsu performance bonus, maħdum fuq is-salarji bażiċi rispettivi mħallsa f'Diċembru 2019, skont il-perċentwali indikati fl-istess rapporti.".***
**(Wages)**

10.2. Is-Sindku D. Vella qal illi minkejja li huwa qed iressaq il-mozzjoni minħabba r-responsabiltà fir-rigward tal-impjegati, talab li jibqa' barra mid-diskussjoni u deċiżjoni dwar il-*performance bonus* tas-Sinjura Marvic De Bono, minħabba raġunijiet ta' parentela (kuġin). Dan kif huwa mitlub jagħmel skont l-Artiklu 20 tal-Att Dwar Gvern Lokali (Kap. 363).

10.3. Il-*performance appraisal reports* dwar l-prestazzjoni ta' kull impjegat ġew imressqa waqt is-seduta mis-Segretarju Eżekuttiv. Is-seduta ġiet sospiża sabiex saret evalwazzjoni ta' kull impjegat.

10.4. Il-Kunsill kien tal-fehma li l-impjegati kollha għandhom jitħallsu l-perċentwali massimi stabbiliti fil-liġi. Fejn kien hemm *performance appraisal report* li jindika rata diversa, kien hemm qbil li għandha ssir laqgħa mal-uffiċjal konċernat bil-għan li jtejjeb l-aspetti tal-prestazzjoni tiegħu li mhumiex tal-livell mistenni.

10.5. Fir-rigward tas-Segretarju Eżekuttiv, kien hemm qbil li qabel jitħallsu l-perċentwali ndikati fil-mozzjoni, għandha ssir rappreżentazzjoni mad-Direttur Ġenerali tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali għall-approvazzjoni tiegħu, skont il-proċedura stabbilita.

10.6. Meta tkompliet is-seduta, il-Kunsill approva l-mozzjoni mingħajr emendi, wara li din ġiet issekondata mill-Kunsillier I. Castillo.

### 11.1. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskedi dwar l-Akkwist u tal-Pagamenti

11.2. Ġiet imressqa *Purchase Request Form* datata 15 ta' Jannar 2021.

11.3. Kien hemm qbil dwar il-ħruġ tal-*purchase orders* li fadal, skont l-*items* elenkati fl-imsemmija skeda.

11.4. Tressqet Skeda ta' Infieq permezz tal-*Petty Cash* li tkopri bejn l-4 ta' Novembru u l-21 ta' Diċembru 2020.

11.5. Tressqet ukoll skeda ta' pagamenti li tkopri bejn it-18 ta' Diċembru u l-15 ta' Jannar 2021.

11.6. Il-Kunsill approva l-akkwist u_l-pagamenti kollha fit-tliet skedi msemmija. Kien hemm qbil li l-Iskeda tal-Pagamenti għandha tiġi ppubblikata permezz tas-sit elettroniku: https://localgovernment.gov.mt/en/lc/Mellieha/Pages/Publications/Minutes-List.aspx

## AĠĠORNAMENT

Bi ftehim bejn il-membri eletti preżenti, is-seduta spiċċat fid-10:30 pm u l-Kunsill aġġorna għal nhar it-Tnejn 15 ta' Frar 2021 fis-6.00 pm.

Dario Vella
**Sindku**

Carmel Debono
**Segretarju Eżekuttiv**